MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 523/2001/1

**Avviz numru 523/2001DM**

**Korporazzjoni EneMalta**

**Vs**

**Jason Barbara**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-korporazzjoni attrici talbet l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sitt mija u wiehed u tlettin lira Maltin u erba' u tletin centezmu (Lm631.34) rapprezentanti danni minnhu jew minn impjegati tieghu ikkagunati f'cable tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar t-18 ta' Ottubru 1999 gewwa Triq Barnabba –Bugibba.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Jason Barbara fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huwa nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hsarat allegati fl-avviz billi qeda fedelment l-inkarigu tieghu minghajr ma kien negligenti b'ebda mod;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-konvenut jirrizulta illi huwa mhux qieghed jikkontesta l-fatt illi kienu l-impjegati tieghu li kienu laqtu l-*cable* in kwistjoni waqt li kienu qed jghamlu xoghol ta' skavazzjoni, izda qed jikkontesta t-talba attrici billi jallega illi l-haddiema tieghu kienu laqtu l-*cable* in kwistjoni minghajr ebda tort u minghajr ebda negligenza jew imperizja peress illi l-cable kien instab f'post oltre dak fejn kien immarkat minn Victor Cini, rappresentant tal-korporazzjoni attrici.

Infatti, fil-waqt illi Victor Cini, prodott mill-konvenuti, jiddikjara bil-gurament illi il-*cable* kellu jkun ghaddej mit-triq xi pied u nofs il-barra mill-bankina, l-konvenut u il-haddiema tieghu isosstnu illi dan il-*cable* intlaqat meta ma kienetx qed isir skavazzjoni fit-triq izda kienet qed isir

skavazzjoni fuq il-bankina fejn ma kienx mistenni u ma kienx immarkat li jista jinstab xi *cable.*

Inoltre l-istess konvenut u l-haddiema tieghu jallegaw illi l-istess *cable* ma kellu ebda protezzjoni kif tirrikjedi l-arti w is-sena u ghalhekk jikkontendu illi ma ghandhom ebda tort fil-hsara illi giet effettivament ikkawzata minnhom.

Billi min-naha l-ohra l-atturi ma gabux provi sodisfacenti biex jeskludu xi responsabbilta' da parti taghhom u biex jipprovaw illi l-*cable* kien imqieghed fil-post indikat fil-pjanti u li effettivament kien protett skond l-arti w is-sena, issib illi t-talba taghhom ma tirrizultax li hija sorretta mill-provi, u ghaldaqstant qedgha tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------